# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 264 / 15RGM**

**Kawza fil-lista: 18**

**A B *sive* C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-hmistrx (15) ta' April tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989);

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Roderick u Mark li twieldu fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) u fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) rispettivament;

Illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u vjolenza da parti tal-konvenut u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-medjazzjoni tar-rikorrenti giet iddikjarata maghluqa permezz ta' digriet numru 2193/15 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wara li l-konvenut qatt ma attenda ghas-seduta tal-medjazzjoni u ghaldaqstant il-process ta' medjazzjoni ma wassalx ghal separazzjoni bonarja;

Illi l-konvenut ghadu qed jghix fid-dar matrimonjali flimkien mal-esponenti u t-tifel minuri u dan ghaliex qed jirrifjuta li jitlaq mid-dar li kien xtara flimkien ma' missier l-esponenti fis-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988). Fil-fatt, sehem tal-missier tal-esponenti kien gie trasferit lill-esponenti nnifisha fl-istess sena.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi D u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentari stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti, liema retta alimentari ghandha tizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

3. Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri f'idejn ir-rikorrenti C D u takkorda access ghall-istess minuri a favur ir-ragel;

4. Tordna lill-konvenut sabiex imantni lit-tifel il-minuri u ghal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lil konvenut sabiex ihallas dik ir-retta alimentari hekk stabbilita', b'dawk il-modalitajiet kollha inkluz li l-pagament isir permezz ta' standing order li l-konvenut ghandu jigi ordnat li jaghmel a favur tar-rikorrenti, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tigi inkrimentata perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, nkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici;

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjoni lir-rikorrenti u porzjoni lil konvenut ope sententium, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fl-25 ta' Novembru 2015;

Rat ir-riferta tat-28 ta' Dicembru 2015, fol 16 a tergo, li minnha jirrizulta li l-konvenut gie notifikat bir-rikors u d-digriet;

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fil-21 ta' Marzu 2016;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Mejju 2016 fejn l-Avukat Dottor Abigail Bugeja ghall-attrici ddikjarat illi l-mertu tat-tielet talba attrici, referibbli ghall-kura u kustodja tal-minuri, huwa llum ezawrit, in kwantu wild il-partijiet huwa llum maggorenni; ddikjarat ukoll li qed izzomm ferma t-tieni talba referibbli ghall-manteniment taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Gunju 2016 fejn l-attrici irtirat it-tieni talba attrici referibbli ghall-manteniment ghaliha personalment. Irtirat ukoll it-tielet u r-raba' talbiet attrici;

Rat in-nota tal-attrici tal-31 ta' Mejju 2016 li maghha annettiet noti ta' iskrizzjoni ta' ipoteka u kopja tal-komparixxi tal-akkuzi kriminali ammessi mill-konvenut fil-21 ta' Marzu 2016;

Rat ix-xhieda ta' Ivan Cilia, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ta' Joseph Saliba ghal ETC li xehedu fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2016 fejn inter alia l-attrici talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe' " Gatt";

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici prezentata fid-19 ta' Lulju 2016.

Rat li l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici fl-affidavit taghha, Fol 4, kkonfermat li saret taf lil zewgha fin-1985, damu erba' snin gharajjes u zzewgu f'April 1989. Fil-bidu kemm ir-relazzjoni tieghu mal-genituri taghha kif ukoll taghha mal-genituri tieghu kienu tajba hafna. Tant hu hekk li missierha kien hallas il-loan li kellhom pendenti mal-Bank meta hu spicca bla xoghol. Missierha f'dak iz-zmien kien hallsillhom l-ammont ta' LM14,000. Wara li zzewgu marru joqghodu fil-fond numru 6 Melina Flats, Triq San Giusepp, Gwardamangia. Il-post kien nxtara minn missierha u zewgha fin-1988 pero' fl-istess sena missierha ttrasferixxa sehemu fuq l-attrici, bintu.

It-tnejn ikkontribwew indaqs ghall-ispejjez li saru f'dan il-fond.

Meta zzewgu zewgha kien jahdem fl-Isptar San Luqa bhala ‘radiographer’, ma tiftakarx kemm kellu paga pero’ hu kien jghaddilha LM 100 fix-xahar biex tiehu hsieb l-ispejjez tad-dar inkluz it-trobbija taz-zewg minuri. Hi tghid li l-flus ma kienux jservuha u kienet titlob l-ghajnuna tal-genituri taghha.

Hi tghid li l-problemi ta’ bejniethom bdew fin-1989 meta kienet tqila bl-ewwel tarbija, kien ikollhom xi jghidu ta’ spiss meta ma kienux iservu l-flus. Kien jispicca jinfexx fiha, kien jerfa’ idejh fuqha u kien hemm diversi incidenti fejn soffriet xi feriti. Kienet tirrapporta lill-Pulizija izda tallega li passi ma kienux jittiehdu. Xehdet illi l-konvenut kien anke jheddidha li kien ser joqtolha jekk taghmel rapport iehor.

Il-problemi zdiedu meta twieled it-tieni tifel, kienu johorgu meta u fejn irid hu biss, hi qatt ma setghat tesprimi ruhha fuq xejn, l-abbuz fiziku fil-konfront taghha dejjem jsir aktar gravi billi kien jerfa’ idejh fuqha anke fil-presenza tat-tfal meta kienu ghadhom ta’ eta’ tenera. Hi qatt ma bdiet il-proceduri ta’ separazzjoni billi kien kontinwament isawwatha u jheddidha li joqtolha jekk tipprova titlaq. Hi dejjem baqghet siekta biex tkompli trabbi lill-uliedha bl-ahjar mod possibbli. Zewgha gie kkundannat diversi drabi mill-Qorti tal-Magistrati u serva sentenza ta’ habs.

F’Marzu 2012 saru jafu li t-tifel Roderick kellu cancer tal-prostata u wara xhur terapija u trattamenti gie nieqes fl-1 ta’ Awwissu 2014. Anke ma’ dan it-tifel zewgha spiss kien jkollu xi jghid mieghu ghal xejn b’xejn. Dan it-tifel stess kien jghidlu “wasalt biex immut Pa, u ghadek qed tiggieled ma’ ommi? ”. Meta gie nieqes Roderick l-attrici ddecidiet li ma setghatx tkompli tghix hajja f’din l-mizerja, binha stess kien geghlha tirrealizza li kien jisthoqhilha ahjar min hekk.

Hi kkonfermat li ma ghandhomx assi x’jaqsmu.

Fl-affidavit ulterjuri taghha mahluf fil-21 ta’ Marzu 2016, Fol 22, l-attrici tikkonferma li zewgha kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg billi ghamlet snin shah tbati l-vjolenza domestika mieghu, billi kien sikwit jsawwatha, jinsulentha u jheddidha li joqtolha. Hi kkonfermat li t-tifel Mark ghalaq 18 il-sena fit-2 ta’ Frar 2016 u ghandu impieg full time, u li qed tircevi l-ammont ta’ Euro 425 kull erba’ gimghat bhala beneficcju ghad-dizabilita’ li ghandha.

Hi kkonfermat li d-dar matrimonjali kienet giet akkwistata qabel iz-zwieg minn missierha u zewgha, pero’ fl-istess sena missierha kien ittrasferixxa sehemu fuqha. Kellhom bank loan li zewgha ma baqax ihallas u missierha kien hallas il-bilanc ta’ LM14,000. Xi seba’ snin qabel kellha tbiddel il-kcina u kellha thallas wahedha l-ammont ta’ Euro 3,500. Assi parafernali ma kienx hemm.

**Joseph Saliba,** ghall-ETC , Fol 38 ikkonferma li l-konvenut E D jahem bhala waste collector, part time u ilu f'dan ix-xoghol mill-4 ta' Jannar 2012. Hu pprezenta dohument immarkat Dok ETC1 li juri l-employment history tal-konvenut.

**Ivan Cilia,** ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Fol 40 kkonferma li fil-prezent il-konvenut qed jircevi allowance supplimentari u esebixxa tlett dokumenti mmarkati Dok DSS1,DSS2 u DSS3 u kkonferma li b'effett mill-15 ta' Settembru 2015 l-ammont ta' Euro 6.64 fil-gimgha qed jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Koppja li ma jkollhiex income li jeccedi l-ammont ta' Euro 10,000 fis-sena tkun intitolata tircevi din l-allowance. Din bdiet tithallas mill-4 ta' Ottubru 2014.

**KONSIDERAZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali kontra il-konvenut zewgha billi z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u vjolenza da parti tal-konvenut. Jirrizulta li ghalkemm notifikat il-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza u baqa' kontumaci. Jirrizulta in oltre, Fol 7, li anke ghall-medjazzjoni l-konvenut naqqas milli jattendi.

L-attrici kkonfermat li ilha snin twal issofra vjolenza domestika, kien jkollhom x'jghidu ta' spiss, kien jerfa idejh fuqha anke fil-prezenza tat-tfal, jghajjarha, jinsulentha u jheddidha li joqtolha. Il-konvenut, fil-21 ta' Marzu 2016, Fol 29 ammetta l-akkuza li hebb ghall-martu fit-23 ta' Ottubru 2014 u ikkagjonalha feriti ta' natura hafifa skont certifikat mediku. L-attrici kkonfermat li zewgha gie kkundannat diversi drabi mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati u kien anke serva sentenza ta' habs. L-atteggjament vjolenti tal-konvenut ippersista anke meta kellhom it-tifel qed imut bil-kancer; cirkostanza tragika li kienet tirrikjedi l-unita' tal-genituri, l-komprensjoni reciproka, u mhux il-glied, l-appogg u s-solidarjeta' u mhux id-disidji u l-glied kontinwu. Skont l-attrici, anke t-tifel ghalkemm marid mejjet ma felahx ma jikkumentax fuq l-atteggjament censurabbli ta' missieru l-konvenut.

Indubbjament dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment ghan-nuqqasijiet unikament attribwibbli ghall-konvenut.

Gie konsistentement ritenut mill-Qrati taghna li l-kontumacja ma tammontax ghall-ammissjoni izda hi kontestazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Vella vs Pierre Cremona**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003 ntqal:

"Il-kontumacja tal-konvenut ma tehlisx lill-attur mill-htiega li jaghmel l-prova tal-fatti li fuqhom hija mibnija t-talba tieghu, u anzi l-htiega li jaghmel l-ahjar prova, kif irid l-Artikolu 559 issir aktar urgenti billi l-Qorti jkollha toqghod fuq ix-xhieda ta' wahda mill-partijiet".

L-attrici tilmenta minn vjolenza kontinwa fil-hajja konjugali taghha mal-konvenut.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat il-principju illi l-Ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri. Fil-kawza fl-ismijiet "**Elisa Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit li sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minaccji u l-injurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kas in ezami rrizulta l-attrici ppruvat sodisfacentement illi l-attrici baghtit snin shah il-vjolenza tal-konvenut, l-insulenzi u t-theddied li kien ser joqtolha. Dan hu kkonfermat mill-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih tant li kien anke kkundannat ghal xi zmien ta detenzjoni.

It-talbiet tal-attrici jirrizultaw ippruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**ID-DAR MATRIMONJALI.**

Dwar id-dar matrimonjali rrizulta s-segwenti:

B'kuntratt tal-11ta' Jannar 1988, Aurelio Theuma u martu Anna A bieghu lil E D, il-konvenut, u lil John Mary Gatt, missier l-attrici, il-flat fil-livell first floor, formanti parti minn sitt appartamenti, internament market bin-numru wiehed, bl-isem Menina Flats, Saint Joseph Street, Gwardamangia bil-prezz ta' LM 7,000.

B'kuntratt tal-20 ta' Dicembru 1988 John Mary Gatt biegh lil bintu, l-attrici sehemu mill-imsemmi flat, cioe' n-nofs indiviz bil-prezz ta' LM 3,500.

Fit-18 ta' Mejju 1990, l-Bank of Valletta plc irregistra ipoteka u privilegg kontra l-partijiet fuq l-istess appartament ghall-ammont ta' LM 15,000 lilhom misluf, b'kuntratt tat-12 ta' Mejju 1998.

Fid-19 ta' Awwissu 1999, John Mary Gatt u martu Elvira Gatt, il-genituri tal-attrici, Fol 28, rregistraw ipoteka kontra l-partijiet ghall-LM 17,000 ammont lilhom misluf li thallas bhala pagament ghas-saldu tas-self li l-partijiet kellhom mal-Bank of Valletta plc.

Id-dar matrimonjali hi ghalhekk propjeta' tal-partijiet konjugi D fi kwoti indaqs bejniethom, nofs indiviz kull parti li pero' huma obbligati jhallsu d-dejn li ghandhom mal-genituri tal-attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi D u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lil konvenut kif deciz supra;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici ghal ragunijiet fuq moghtija;

3. Tilqa' l-hames talba attrici u tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto tas-sanzjonijiet kollha konvemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' s-sitt talba attrici u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tordna l-bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti tal-fond matrimonjali fuq imsemmi b'dan illi mir-rikavat tal-bejgh ghandu l-ewwel jithallas id-dejn gravanti l-istess immobbli kif ukoll dejn tal-komunjoni tal-akkwisti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

5. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Gatt".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**